33/

81
15/2

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

***Diff: 08/02/2018***

Illum 15 ta' Marzu 2018
Deher Perit Godwin P. Abela
U ħalef il-korretezza ta' dan l-att waqt li qrajtulu
Janet Calleja
Deputat Reġistratur

Citazzjoni Numru: 42/2017/LSO

**Sandra Caruana**

**vs**

**Carmen Mifsud et**

B'din ngharrfek illi d-dritt li ghandu jithallas direttament lill-Perit Tekniku, mqabbad mill-Qorti fit-28 ta' Settembru 2017, ghar-rapport li ghamel f'din il-kawza, bl-*ispejjez jigu sopportati provizorjament kwantu ghall-7/10 mir-rikorrenti u 1/10 kull wahda mill-intimati Carmen Mifsud, Lorraine Azzopardi u Lilian Farrugia* huwa kif gej:

| ISEM IL-PERIT | DRITT BL-ISPEJJEZ |
|---|---|
| PERIT TEKNIKU<br>Godwin P. Abela | **€ 1,140.46** *(VAT Inkluz)* |

**RIKORRENTI:** **Sandra Caruana**
24, St Theresa House, Manuel Dimech Street, GHAXAQ

**KONVENUTI:** **Carmen Mifsud**
5, Fawara Road Siggiewi

**Lorraine Azzopardi**
Block H, Flat 6, Qasam Hal Tmiem, ZEJTUN

**Lilian Farrugia**
Block F, Flat 6, Qasam Hal Tmiem, ZEJTUN

Josette Demicoli
**DEPUTAT REGISTRATUR**
6 ta' Frar 2018

82

Fil-Prim' Awla Tal-Qorti Civili

Onor. Mhallef Dr. Lorraine Schembri Orland LLD

**Rikors Nru. 42/17 LSO**

**Sandra Caruana**

**vs**

**Carmen Mifsud et**

REGISTRY SUPERIOR COURT
No: 2174
23 JAN 2018
PAID

# RELAZZJONI TAL-PERIT TEKNIKU
# AIC GODWIN P. ABELA

Diff. 8 ta' Frar 2018

Jesponi bir-rispett: 83

## 1. INKARIGU

**1.01** Fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2017 gie nominat Perit Tekniku Il-\perit Alan Saliba biex jigbor il-provi u jirrelata dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet.

**1.02** Illi b'digriet moghti fit-28 ta' Settembru 2017 l-esponent gie nominat bhala sostitut tal-Perit Alan Saliba bl-istess inkarigu.

## 2. QADI TAL-INKARIGU

**2.01** In dizimpenn tal-inkarigu moghti lilu w bi qbil bejn il-partijiet, l-esponent acceda fuq il-post in kwistjoni fil-11 ta' Jannar 2018.

**2.02** Illi wara li kkonsulta l-partijiet, inghata l-awtorizazzjoni biex jaghmel il-valutazzjoni tal-fond mertu tal-kawza u jipprocedi bir-relazzjoni.

## 3. DESKRIZZJONI TAL-FOND

**3.01** Il-fond huwa terran f'kantuniera f'zona residenzjali kif muri delinejat bl-ahmar fuq l-orthophoto plan hawn taht esibita kif ukoll fuq ir-ritratti tal-faccati.




**3.02** Il-fond ghandu kejl superficjali ta' circa 140 metri kwadri.

84





**3.03** Il-fond jikkonsisti f'entrata minn Triq Manwel Dimech u kamra laterali b'tieqa fuq it-triq. L-entrata taghti ghall-ambjent centrali li jaghti ghal go kamra interna b'tieqa fuq bitha interna. L-ambjent centrali jaghti wkoll ghall-kurrudir li jaghti ghal go kcina u kamra tal-banju kif ukoll ghal go kamra ohra interna li taghti wkoll ghal fuq il-bitha interna.

**3.04** Tarag estern mill-bitha jwassal ghal fuq il-bejt u kamra li tinsab mibnija fil-kantuniera.

**3.05** Il-fond inbena madwar tmenin sena ilu b'hitan portanti tal-gebel u soqfa tax-xorok fuq travi tal-hadid; il-kamra interna inbniet wara b'saqaf tal-konkos.

**3.06** L-irfinituri tal-fond jinkludu hitan mkahhlin u mizbughin, twieqi tal-aluminium u tal-injam u art bil-madum tip terrazzo.

**3.07** Il-fond jinsab f'kundizzjoni mhux ottimali u ghandu bzonn upgrading u manutensjoni sabiex jilhaq l-istandards mistennija fil-prezent.

## 4. ZVILUPP POTENZJALI

**4.01** Il-fond jinsab f'zona residenzjali ta' Hal-Ghaxaq suggett ghall-Policies SMHO 02 u SMSE 04 skond l-Ghaxaq Policy Map formanti parti mis-South Malta Local Plan.

**4.02** Il-fond jinsab f'zona fejn l-izvilupp jista jkun gholi tlett sulari fuq basement u dan skond l-Ghaxaq Building Heights, ukoll formanti parti mis-South Malta Local Plan.

**4.03** Meta dahal in vigore DC 2015[1], l-gholi permissibbli gie ffissat ghal 12.30 metri u dan iffisser li jista jinbnew erba' sulari u sular iehor irtirat mill-faccata.

---

[1] *Development Control Design Policy, Guidance & Standards 2015*

85

## 5. BAZI TA'VALUTAZZJONI

**5.01** Il-bazi ta' valutazzjoni applikata kienet ir-*residual land valuation method*[2], liema metodu jiehu in konsiderazzjoni il-valur tal-izvilupp potenzjali u l-ispejjez involuti f'tali zvilupp kif ukoll l-ispejjez tal-finanzjament u spejjez ohra konnessi mal-izvilupp.

**5.02** Il-valur tal-izvilupp irrizulta mill-metodu komparattiv[3] li jiehu in komsiderazzjoni il-valuri ta'fondi simili fl-istess zona.

## 6. VALUTAZZJONI

Wara li ha in konsiderazzjoni dawk il-kundizzjonijiet u parametri kollha hawn fuq imsemmija, l-esponent hu tal-opinjoni li, il-valur tal-fond in kwistjoni, li kieku mibjugh minn sidu volontarjament fuq is-suq miftuh, hu ta' **€300,000 (tlett mitt elf ewro).**

In adempiment tal-inkarigu moghti lilu, tant ghandu l-esponent x'jissottometti ghal wisq aktar savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Godwin P. Abela A&CE
Perit

Illum 23 JAN 2018
Ipprezentata mill- Perit Godwin P. Abela
B/bla dok b' dokumenti

Rose Marie Vella
Deputat Registratur
Deputy Registrar
Qrati tal-Gustizzja (Malta)
Law Courts (Malta)

[2] *Valuation Standards – Kamra tal-Periti.*
[3] *The Application of the Comparative Method in the Valuation Office – Kamra tal-Periti.*

**Citazzjoni Numru: 42/2017/LSO**

**Drittijiet Perit Tekniku Godwin P Abela**

| | | |
|---|---|---|
| Valutazzjoni | €300,000 x 0.003 | 900.00 |
| Access | 1 x €32 | 32.00 |
| Transport | 1 x €6.99 | 6.99 |
| Seduta | 1 x €24.00 | 24.00 |
| Traskrizzjoni tal-vebal | 1 x €0.70 | 0.70 |
| Typing – Relazzjoni | 4 x €0.70 | 2.80 |
| SUB-TOTAL | | **€966.49** |
| Vat 18 % | | € 173.97 |
| **TOTAL** | | **€1,140.46** |

| GODWIN P. ABELA BA(ARCH) B.ARCH(HONS) A&CE | | | |
|---|---|---|---|
| **PERIT TEKNIKU - DRITT U SPEJJEZ** | | | |
| **RIKORS NRU.** | 42/17 LSO | **DIFFERIMENT** | 08/02/2018 |
| **FL-ISMIJIET** | Caruana vs Mifsud | | |
| **DRITT** | **RATA (€)** | **NUMRU** | **TOTAL (€)** |
| Valutazzjoni | 0.003 | 300000 | 900.00 |
| Opinjonijiet - Punti Trattati | 116.47 | | 0.00 |
| Opinjonijiet - Danni/Kumpens | 232.94 | | 0.00 |
| Stima ta'xogholijiet | 5% | | 0.00 |
| Stima ta'xogholijiet | 2% | | 0.00 |
| **TOTAL DRITTIJIET** | | | 900.00 |
| **SPEJJEZ** | **RATA (€)** | **NUMRU** | **TOTAL (€)** |
| Access | 32.00 | 1 | 32.00 |
| Seduti | 24.00 | 1 | 24.00 |
| Pjanta A4 | 58.23 | | 0.00 |
| Pjanta A3 | 87.35 | | 0.00 |
| Pjanta A2 | 160.14 | | 0.00 |
| Pjanta A1 | 233.00 | | 0.00 |
| Trasport | 6.99 | 1 | 6.99 |
| Typing Relazzjoni | 0.70 | | 0.00 |
| Kopji Relazzjoni | 0.23 | | 0.00 |
| Traskrizzjoni Verbali | 0.70 | 1 | 0.70 |
| Kopji Verbali/Dokumenti | 0.23 | | 0.00 |
| Notifiki | 1.16 | | 0.00 |
| Ritratti | 1.16 | | 0.00 |
| Aerial Photographs | 13.50 | | 0.00 |
| **TOTAL SPEJJEZ** | | | 63.69 |
| **TOTAL DRITT U SPEJJEZ** | | | 963.69 |
| **VAT** | 18% | 963.69 | 173.46 |
| **TOTAL DOVUT** | | | 1,137.15 |